MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 157/2003

Il-Pulizija
(Spettur A. Miruzzi)
Vs

Nazzareno Aquilina

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 t'April, 2003 ghall-habta ta' 6.35 p.m. waqt li kien fl-inhawi ta' Benghajsa waqt stagun miftuh ghat-tehid ta' ghasafar minn fuq l-art, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur, u kellu fil-pussess tieghu xi mezz elettriku jew elettroniku (pre-recorded bird calls) u dan bi ksur ta' A. L. 146/93.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Gunju, 2002, li biha, wara li rat ir-Regolament 13 (2) li huwa marbut mar-Regolament 13 (1) illiberat lill-imputat minn kull htija.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 t'Awissu, 2002 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata, u, minflok, issib htija fl-imputat appellat u tinfliggi l-piena skond il-ligi, bil-konfiski w skwalifiki kollha stabiliti bil-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti ma fehmitx ir-"ratio legis" tar-Regolament 13 (2) kif emendat bl-Avviz Legali 41 tal-2003 introdott fl-Ewwel ta' Frar, 2003 u li allura gie jaqra ; *"Ebda persuna ma ghandha tbiegh , toffri jew tesponi ghall-biegh , jew izzomm xi mezz li l-uzu tieghu hu projbit mill-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament*" u meta wiehed jikkontrasta u jqabbel din id-dispozizzjoni gdida ma dik antika (i.e. regolament 13 (3) ), isib li bl-emenda thalliet barra l-ahhar frazi li kienet taqra "*ghal skopijiet ta' kacca tal-ghasafar".*

Dan ifisser li mill-1 ta' Frar, 2003 , sar reat punibbli s-semplici pussess ta' xi mezz ipprojbit mill-paragrafu 1 tar-regolament 13, anki jekk mhux ghal skopijiet ta' kacca jew tehid tal-ghasafar. Kieku mhux hekk , ir-*ratio legis* ta' din l-emenda kienet tigi kompletament stultifikata, newtralizzata w ineffettiva. Di fatti biex wiehed ikompli jsahhah dan l-argument , issir riferenza ghar-regolament 20 (10) tal-imsemmi Avviz Legali 146 tal-1993 (li ukoll gie fis-sehh bl-Avviz Legali 41 tat-2003) li jiddisponi li persuni licenzjati bhala bird-ringers biss jistghu jaghmlu uzu minn dawk il-mezzi li l-pussess taghhom huwa altrimenti projbit lil persuni mhux hekk licenzjati skond ir-Regolament 13 (2). Dan biss huwa l-uniku rbit bejn ir-regolament 13 (2) u 13 (1) u mhux ukoll dak l-irbit li bir-rispett kollu l-ewwel Qorti erronjament estendiet kontra l-volonta' tal-legislatur.

Fliet l-atti processwali ;

Rat ir-Risposta tal-Appell tal-intimat minnu pprezentata fit-30 ta' Settembru, 2003.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tal-5 ta' Gunju, 2003;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma fil-qosor dawn . Il-Pulizija mmexxija minn PS 1030 Sandro Mangion fl-1 t' April, 2003, fl-inhawi ta' Benghisa , marru fuq mansab fejn kien hemm l-appellat u hemm fil-kamrin li kien hemm magemb id-dura sabu w elevaw bird caller li dak il-hin kien mitfi . Il-hin kien xis-6.30 p.m. u l-mansab kien armat b'kollox lest ghall-insib. Id-dura kellha s-saqaf u kamrin magembha fejn instab l-apparat. L-appellat kien qal lil-Pulizija li ma kienx qed juza dak il-"bird caller".

Illi mhux kontestat li fil-jum , hin u lok imsemmija fic-citazzjoni l-appellat kien qed jonsob. Illi jirrizulta ampjament li fil-kamrin anness mad-dura kien hemm attrezzi li flimkien jaghmluha possibbli li wiehed juza sistemi elettronici w partikolarment l-uzu ta' tisfir ta' ghasafar registrati (pre-recorded bird calls) li l-Prosekuzzjoni targumenta li uzu taghhom hu pprojbit bir-regolament 13 (1) (b) u li z-zamm taghhom hu projbit bir-regolament 13 (3) tal-Avviz Legali 146 ta' l-1993 kif emendat bl-avviz legali 41 tas-sena 2003.

Illi ghalkemm ma jirrizultax li l-appellat dak il-hin li marru fuqu l-pulizija jew ftit hin qabel kien qed juza dan l-apparat , din il-Qorti hija konvinta sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellat li dak il-hin kien hu li qed jonsob fil-mansab in kwistjoni ma setax ma kienx jaf bl-ezistenza tal-apparat inkriminat fil-kamrin magemb id-dura li kien fiha . L-appellat mhux del resto qed jikkontesta il-fatt tal-pussess tal-apparat per se , imma jikkontendi li s-semplici pussess tal-apparat ipprojbit mhux reat .

Issa fil-fehma ta' din il-Qorti il-kliem tar-Regolament 13 (3) tal-Avviz Legali 146/93 kif emendat qabel il-kommissjoni tal-allegat reat ma jhalli ebda dubju dwar l-interpretazzjoni tieghu . Fil-waqt li l-paragrafu (1)(b) tal-istess regolament jaghmilha reat li xi hadd jiehu jew jipprova jiehu , jikkaccja jew jipprova jikkaccja xi ghasfur

jew fenek selvagg permezz ta' "mezz elettriku jew ellettroniku , specjalment l-uzu ta' tisfir ta' ghasafar registrati" , il-paragrafu (3) jaghmilha reat li persuna tbiegh , toffri jew tesponi ghall-biegh **JEW IZZOMM** xi mezz bhal dak imsemmi fil-paragrafu (b) fuq imsemmi .

Ghalhekk hu car daqs il-kristall li ma hemmx ghalfejn jigi pruvat li l-pussess tal-apparat inkriminat kien intiz biex jintuza ghat-tehid tal-ghasafar jew ghall-kacca , imma kwalsiasi pussess ta' dan l-apparat ikun fejn ikun u ghall-liema skop ikun , huwa imputabbli . Addirittura il-ligi tippunixxi il-pussess ,espozizzjoni tieghu jew l-offerta ghall-biegh tieghu go hanut u kompletament barra mill-kuntest ta' insib u kacca. Ahseb u ara meta apparat simili jinstab go kamra magemb mansab armat u lest ghall-insib kif gara f' dan il-kaz.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk l-Ewwel Qorti ghalkemm kienet gustifikata li tillibera lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni li tirrigwarda l-uzu tal-apparat inkriminat , ma setghetx taghmel l-istess fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li tirrigwarda z-zamma jew il-pussess tal-apparat inkriminat u , meta ghamlet dan, marret kontra l-interpretazzjoni cara w univoka li ghandha tinghata lill-paragrafu (3) tar-Regolament 13 fuq imsemmi .
Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament , billi tirriforma s-sentenza appellata kif ser jinghid u cioe' billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu lliberatu mit-tieni imputazzjoni w minnflok issib u tiddikjara lill-appellat hati tal-istess tieni imputazzjoni , u , wara li rat ir-Regolamenti 13 (1) (b) u (3) , 25 (1) (2) (a) u (3) tal-Avviz legali 146 ta' l-1993 maghmula taht l-Att V tal-1991 biex Ihares l-Ambjent , kif emendat bl-Avviz Legali 41 tas-sena 2003 u l-artikoli 23 u 30 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , tikkundanna lill-appellat ghall-multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) u tiskwalifika lill-appellat milli jkollu jew jikseb l-licenzji kollha tal-kacca w nsib jew zamma ta' armi tal-kacca ghal zmien sena mil-lum, u inoltre tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-apparat elevat mill-Pulizija konsistenti fil-"bird caller" esebit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------